MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 408/2001/1

**Middlesea Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John Zammit sia bil-polza u sia bil-ligi**

**Vs**

**Alexia Licari**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` mitejn u tnax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm212.75c) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta` attrici f'incident awtomobilistiku tat-18 ta` April 2000 f'Testaferrata Street, Msida bejn il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni LEX129 misjuqa mill-konvenuta u proprjeta` ta` Michael Licari u l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni KBA335 misjuqa minn u proprjeta` tal-assigurat John Zammit.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi in linea preliminari n-nullita tal-azzjoni a` tenur tal-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 stante li s-socjeta` Allcare Insurance Agency Limited ma tistax tipproponi din l-azzjoni una volta s-socjeta` Middlesea Insurance plc bhala l-mandant taghha hija prezenti fil-Gzira ta` Malta, fil-mertu l-incident de quo ma garax tort tal-konvenuta izda unikament tort ta` John Zammit assigurat tas-socjeta` attrici nomine. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati u inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna tal-hlas.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta` Settembru 2001 li minnu jirrizulta illi giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju billi gew kancellati l-kliem Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta` biex b'hekk l-attrici ma baqghetx aktar Allcare Insurance Agency Limited nomine izda giet Middlesea Insurance plc proprio.

Illi ghalkemm il-konvenuta tat ruha b'notifikata bl-Avviz hija ghamlet referenza ghall-eccezzjonijiet gja sollevati u l-ewwel eccezzjoni ma gietx irtirata izda din l-eccezzjonii giet sorvolata bir-rizultat ta dak li sar waqt s-seduta tat-18 ta Settembru 2001.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta` Ottubru 2001 li minnha jirrizulta li l-kawza baqghet *sine die* pendenti l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet 'Elmo Insurance Agency Limited vs John Zammit' – Avviz 5/01 JAB liema kawza giet deciza fil-25 ta` Jannar 2006 u ghalhekkl-kawza odjerna giet riappuntata.

Ra li ghas-seduta tat-18 ta` Mejju 2006 deher biss Dr Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuta li talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza u ghamel referenza ghall-atti tal-kawza msemmija Avviz 5/01.

Ra l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll tal-Avviz 5/01 JAB.

**Ikkonsidra**

Illi dan l-incident gara l-Gzira. John Zammit kien niezel in-niezla tas-Savoy, jigifieri Triq D'Argens bl-intenzjoni li jmur lejn il-Belt u ghalhekk meta wasal fejn l-inkrocju fejn antikament kien hemm ix-showroom tad-Dunlopillo, huwa ried jikser lejn ix-xellug biex imbaghad jaqbad Triq il-Principessa Margherita. Qabel ma tibda l-kisra jirrizulta li hemm *give-way sign* impengija mal-art u mbaghad meta tikser hemm telgha zghira hafna u mbaghad hemm *stop-sign* biex b'hekk is-sewwieq ghandu jieqaf u jcedi ghat-traffiku li jkun gej minn Rue D'Argens li jibqa` tiela' lejn Testaferrata Street.

Da parti ta` Alexia Licari jirrizulta illi kienet gejja minn Triq l-Isqof Caruana, l-Msida, qasmet Rue D'Argens u telghet dik it-telgha zghira u waqfet biex tistenna *clearance* fit-traffiku biex tibqa` miexja dritt lejn Triq il-Principessa Margherita.

Zammit jghid li huwa kien wieqaf u li Alexia Licari laqtghitu minn wara, mentri Licari ssostni illi hija kienet wieqfa u li Zammit ghaddha minn hdejha u laqghata.

Il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fuq imsemmija Avviz 5/01 kellha l-opportunita` li tisma` z-zewg sewwieqa jixhdu *viva voce* quddiemha u fis-sentenza taghha waslet ghall-konkluzjoni segwenti:

"Illi, f'dan il-kaz gew sottomessi mill-partijiet involuti zewg verzjonijiet tal-fatti in ezami konfliggenti bejniethom u meta tara hekk, din l-Qorti, dejjem, tikkonsidra a) dak li jinsab fl-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligi ta' Malta fis-sens li l-obbligu tal-prova tal-fatt jispetta lil minn jallegah u; b) jekk oltre l-verzjonijiet rispettiva tal-partijiet hemm xi evidenti oggettiva u ndependenti mill-istess partijiet sabiex din tista tghin biex jigi deciz liema verzjoni hi veritjera.

Illi, a bazi ta' dawn il-kriteri, din il-Qorti analizat l-imsemmi skizz il-posizzjoni tal-vettura kif hemm murija il-kopja tar-rapport anness u dak li stqarru l-partijiet involuti kif rizultanti minnu kif ukoll id-deskrizzjoni tal-hsarat fil-vetturi rispettivi deskritti a fol 17 EBID , din il-Qorti tara li kull

verzjoni in ezami hi, ugwalment veritjera u tista’ tirrispekja, kull wahda minnhom, dak li effettivament gara f’dan il-kaz.”

Illi in vista tal-premess dan it-Tribunal li ma kellux l-opportunita’ li jisma’ s-sewwieqa *viva voce* izda kellu jistrieh fuq it-traskrizzjoni tax-xhieda kif inserita fl-atti tal-kawza fuq imsemmija u m’ghandux alternattiva hlief illi jasal ghall-konkluzjoni illi fil-kaz in ezami hemm zewg verzjonijiet konfliggenti u li m’hemm xejn biex jghin lil dan it-Tribunal jaghzel verzjoni minn ohra biex jikkonkludi liema wahda miz-zewg verzjonijiet hija l-aktar probabbli.

Illi tali affermazzjoni tirrifletti l-principju ben stabbilit illi l-attur huwa obbligat li jgib prova ta` dak li qed jallega u “fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa’ jimpera l-principju “*actor non probante, reus absolvitur*” (Dalli vs Balzan – PA 31/01/2003 Citazz 187/90.

B’ danakollu fil-kawza odjerna l-attur kien il-konvenut fil-kawza fuq citata u, kif jghidu bl-Ingliz *the ball is now in his court*.  It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi mressqa u ma sab xejn li b’xi mod jista`  jitfa` aktar piz favur it-tezi tieghu biex b’hekk ikun jista` jinghad li rnexxielu jeghleb il-piz tal-prova.

Illi dan it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li l-kawza odjerna kienet zmien twil thalliet *sine die* pendenti l-ezitu tal-kawza l-ohra 5/01 u dan in osservanza tal-principju ta` *litis pendentia*.  F’dan r-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-**Bord li Jirregola l-kera Rik 17/2004 deciz fit-22 ta` Frar 2006 fl-ismijiet ‘Maria Muscat vs Benny Dingli u martu Olivia Dingli’** fejn ghamlet is-segwenti riflessjoni fuq dan l-istitut:

“6.  Is-sentenza in re: “Zammit pro et noe vs Minuti pro et noe” (Prim Awla 25 ta’ April, 1959, Vol XLIII.2.703) hemm mehmuza nota li taghmel referenza ghal awturi fuq din l-eccezzjoni u tigbor il-gurisprudenza.’

7. Din ta’ l-ahhar tghallem li: ‘Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-‘Litis Pendentia’ jehtieg (a) li jkun hemm kawza ohra precedentement intavolata, jew almenu intimata, li ghadha mhux terminata, pendenti quddiem l-istess tribunal jew tribunal divers, u (b) li bejn iz-zewg kawzi jkun hemm l-istess rekwiziti tar-‘res judicata’. Meta jirrikorru dawn iz-zewg rekwiziti l-eccezzjoni hija gustifikata u r-rimedju ordinarju huwa li l-kawza li fiha tkun tinghata dik l-eccezzjoni tigi mibghuta quddiem l-istess Tribunal bl-istanza precedenti, meta dan huwa prattikabbli.

Din l-eccezzjoni hija perentorja, ghax holqot il-gudizzju b’mod li tiddefinixxi li fuq l-istess partijiet kontroversja bejn l-istess jigu moghtija minn zewg Tribunali diversi, zewg sentenzi li jistghu anke jkunu inkonciljabbli’. (‘Jeffrey vs Stellini pro et noe’, deciza fit-12 ta’ Mejju 1950, Vol XXXIV.1.358, u ara wkoll ‘Laferla vs Grixti’, deciza fil-31 ta’ Jannar 1879, Vol VII.p.695; ‘Howard vs Bellini’, deciza fil-21 ta’ Mejju, 1935, Vol XXV.11.723; ‘Bugeja Bonnici vs Pullicino’, deciza fil-21 ta’ Mejju, 1935, Vol XXIV.11.510, Reznikov vs Reznikova, Prim Awla per Manche’, deciza fl-24 ta’ Marzu, 1994; ‘Balzan vs Argento et’, Prim Awla per Filletti , 1 ta’ Frar, 1990 u s-sentenzimsemmija mill-partijiet).

8. Il Digesto Italiano (v. Litispendentia f. 968) jaghti din it-tifsira:

“Proposta, quindi, un’istanza guidiziale, mentre essa penda ancora, non puo’ inanzi ad altro guidice, proporsene un’altra nella stesse circostanze e per gli stessi effetti immediati; ne puo’ il secondo giudice adito legittimamente prenderla in esame e giudicarla. Ore, il caso di una identica azione due volte proposta, di una stessa lite promossa davanti due Autorita’ giudiziarie ugualmente competenti a conoscerne, e’ detto litispendenzi, le qaule ha e molti o quasi tutti i punti di contatto con la cosa giudicata; anzi, la litispendenza funziona come una preventiva tutela dell’istituto della reguidicata, in quanto appunto mira a prevenire la possibilta’ di due giudicati sull’identica lite emmessi

contemporamente e successivamente da due distinti organi gurisdizzionali, giudicati uno dei quali sarebbe sostanzialmente illegittimo”

Dan ifisser illi galadarba dik l-*litis* giet deciza, din jkollha effett ta` gudikat fuq il-mertu li jinsab ghall-konsiderazzjoni ta` dan it-Tribunal fil-kawza odjerna.

Taht dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal  jikkonkludi illi l-attur naqas biex igib provi sufficjenti in sostenn tal-kaz tieghu u li ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-Tribunal ihoss pero` li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjez u li kullhadd ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur billi ma tirrizultax sodisfacentement ipprovata imma minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------